Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

30 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-3.00 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Domenic Zerafa – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 68.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

68.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 67 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispettivament.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi rringrazzja formalment lil membri tal-kunsill u lill-istaff li ħadmu fil-kunsill tul dawn il-ħames snin li għaddew f'din il-leġiżlatura.

68.3.2 Is-Sindku Hubert Saliba nforma lill-membri preżenti li fl-aħħar jiem ġie ffirmat l-MOU dwar il-proġett tal-bandli tal-Barmil. Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk il-pjanti għadhomx l-istess, s-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

68.3.3 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-bandli tal-Ħamrija bħala proġett magħluq, u li dan intlaqa tajjeb ħafna min nies. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet sabiex jerġa jinħasel sabiex titneħħa d-dbajja li għad fadal mir-rimi tas-sigar fuq it-tapit tal-bandli. Il-Kunsilliera Attard issuġġeriet ukoll sabiex isir QR Code mal-monument tal-bandli li jinkludi bijografija dwar Wistin Dingli, il-persuna li għalih issemma dan il-post. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jsir QR Code mal-musical sensory equipment b'diski u melodiji diversi sabiex ikunu jistgħu jindaqqu mit-tfal li jiffrekwentaw dan il-Ġnien. Il-kunsill qabel unanimament, u għandu jiġi avviċinat is-sur Mario Xerri sabiex jieħu ħsieb jaħdem fuq din l-inizjattiva. Għal dan il-għan, il-kunsill ser jieħu ħsieb li jixtri ktejjeb b'siltiet mużikali adattati għat-tfal.

68.3.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni wkoll li l-Wife 4EU fi Ġnien Blankas mhux jiffunzjona, u talab ukoll biex il-modem tal-wifi ta' Ġnien Wistin Dingli jiġi rilokat għal kamra tal-lattrina tal-bandli. Il-kunsill qabel dwar dan.

*3:58 Daħal fil-laqgħa il-viċi Sindku Paul Azzopardi*

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

68.4.1 Il-kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-possibilità li jsir arblu ġdid fuq l-uffiċċju tal-kunsill u l-proċedura. Id-deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti dwar is-soluzzjonijiet li l-perit ta lill-kunsill sabiex isir dan. Il-kunsill qabel li ssir struttura tal-konkos bħala bażi u anke blokka tal-konkos sabiex ikun jista' jittella dan l-arblu. Għalhekk il-kunsill qabel li għandna navviċinaw lill-perit mill-ġdid sabiex jiggwida lill-kunsill dwar il-proċedura li tinvolvi xogħol u permessi meħtieġa.

## 68.5 Korsijiet Sajf 2024

68.5.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet numru ta' korsijiet sabiex jiġu offruti matul ix-xhur tas-Sajf, kemm għat-tfal u anke għall-adulti. Is-sa Attard issuġġeriet biex il-korsijiet isiru it-Tnejn l-Erbgħa u l-Ġimgħa sabiex ma jinzertawx fl-istess ħin li jkun hawn attivitajiet oħra fil-parroċċa tax-Xewkija. Il-kunsill iddiskuta u qabel li jsiru dawn il-korsijiet; Kors tal-Kinder, tal-Pittura, tat-Tafal, tal-Mużika, tal-Bizzilla, tal-Ħjata, Modelling, u Computer and Coding Skills. Rigward il-kors tal-kinder, il-kunsill qabel li s-sessjonijiet ikunu darbtejn fil-ġimgħa, pero hija għażla tal-applikanti li jinkitbu fit-tnejn li huma jew le. Bħala ħlas, il-qbil huwa li jkun ta' €30 għall-kors wieħed u €50 għaż-żewġ sessjonijiet tal-kinder. Rigward il-kors tal-mużika, dan ġie deċiż li jerġa jingħata bla ħlas sabiex il-kunsill ikompli jħajjar aktar tfal fil-qasam mużikali, b'mod speċjali biex jibdew it-tagħlim fi ħdan il-Banda Prekursur. Għall-kors tat-tafal, il-ħlas ikun dak ta' €30 pero mbagħad l-applikanti jħallsu wkoll €5 sabiex jiġi provdut lilhom it-tafal meħtieġ għal dal-kors. Il-korsijiet l-oħra, kollha jingħataw għall-prezz ta' €30.

## 68.6 Festa San Ġwann Battista 2024

68.6.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ħabbar li għall-Festa Tfal 2024, il-Kunsill ibbenefika minn fondi maħruġa mid-Direttorat Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar. Dan l-ammont jinkludi s-servizz mużikali, sett ta' flokkijiet ġodda bħala uniformi għall-bandisti, ġelat għat-tfal u reklamar tal-attività. Għal din l-okkażjoni l-kunsill ħa ħsieb li jsiru bnadar żgħar biex jitqassmu lit-tfal preżenti.

68.6.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet ukoll dwar l-idea li kienet issemmiet sabiex tinġieb il-magna tal-BCRS fil-jiem tal-festa. Id-deputat Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien bgħat minnufih wara l-laqgħa preċedenti lill-BCRS Malta, fejn anke ċemplilhom, pero baqa' ma rċieva l-ebda risposta ħlief li ser jikkuntattjaw lill-kunsill lura kif ikollhom risposta. Il-kunsill qabel li jekk il-kunsill jirnexxielu jissetilja din l-affari, l-magni għandhom jiġu nstallati fi Triq Rotunda qrib Triq l-Indipendenza.

68.6.3 Il-Kunsilliera Attard saħqet fuq il-punt li il-lattrina tal-pjazza trid tibqa miftuħa sa tard bil-lejl fil-jiem tal-festa. Il-kunsill qabel li din għandha tibqa miftuħa sas-siegħa ta' filgħodu.

68.6.4 Is-Sindku Hubert Saliba talab ukoll biex issir laqgħa mal-kuntrattur tal-indafa biex issir laqgħa miegħu u anke tintbagħat skeda ta' tindif u ħasil marbuta mal-jiem tal-festa b'indikazzjoni tat-toroq. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard saħqet li jsir il-ħasil wara diversi ġranet fosthom, il-Ħadd 16 ta' Ġunju, it-Tnejn, L-Erbgħa, il-Ħamis, u wara l-festa.

68.6.5 Il-viċi Sindku Paul Azzopardi ssuġġerixxa wkoll sabiex il-kunsill jibgħat ittra lill-istabbilimenti tal-pjazza biex l-iskart li jkollhom ma jdewmuhx barra fil-pjazza iżda jiġbruh mill-ewwel.

## 68.7 Financial Quarter Report: 4 - 2023

68.7.1 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri preżenti l-Financial Quarter Report 4 tas-sena 2023. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill.

## 68.10 Komunikazzjoni

68.10.1Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-kunsill talba mill-klabb ta' Xewkija Tigers FC sabiex il-kunsill jorganizza Summer Youthcamp flimkien mal-istess klabb. Il-kunsill iddiskuta dan u qabel li jorganizza dan it-taħriġ mifrux fuq ġimgħa sħiħa, fejn ser jinġiebu kowċis professjonali. Il-kunsill qabel ukoll li dawk it-tfal residenti Xewkin jipparteċipaw f'dan it-taħriġ mingħajr ħlas. Il-kunsill għalhekk ser ikun qed iħallas il-kowċis kif ukoll il-materjal sportiv. Il-loġistika u l-preparamenti ser jieħdu ħsiebhom il-klabb ta' Xewkija Tigers.

68.10.2Id-deput Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill tlett talbiet sabiex isiru mirja faċċata tar-residenzi f'dawn it-toroq imsemmiha;Triq Ħaġret l-Armi, Triq l-Indipendenza, u Triq Sant Elizabetta. Il-kunsill qabel dwar dawn it-talbiet.

68.10.3 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill bl-applikanti għall-iskema ta' self tar-rot li jaħdmu bl-elettriku. Għal din l-iskema applikaw tnejn min nies. Il-kunsill qabel unanimament li dawn iż-żewġ applikanti tingħatalhom din ir-rota u jiġu ffirmati l-kuntratti bejniethom u l-kunsill.

68.10.4 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li rċieva ittra permezz ta' imejl mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali bir-riżultati tal-interviews li saru lill-kandidati għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-kunsill qabel li din għandha tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss.

68.10.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni dwar il-korrispondenza li kien hemm dwar l-esebizzjoni tal-proġett interġenerazzjonali. Is-sa Attard issuġġeriet sabiex issir attivita l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2024 fi Ġnien il-Ħaddiem, fejn isiru diversi workshops mill-għalliema u l-istudenti li wettqu dan il-proġett. Il-kunsill qabel li jsir dan ġaladarba l-kunsill ma jsibx oġġezzjoni mill-entitajiet konċernati. Il-kunsilliera Attard talbet ukoll sabiex Ġnien il-Ħaddiem jitnaddaf qabel l-attivita, il-Viċi Sindku Paul Azzopardi ssuġġerixxa li jinħasel dakinhar sstess. Il-kunsill qabel li bħala mwejjed u siġġijiet inġibuhom mingħand is-Soċjeta Filarmonika Prekursur.

68.10.6 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv preżenta iċ-ċertifikazzjoni mill-Perit Scerri fuq ix-xogħolijiet li saru fil-Bandli tal-Ħamrija mill-kuntrattur Carmel Portelli. Il-kunsill qabel li nipproċedu bil-pagament. Is-sindku qal li issa fadal il-kuntrattur li ħa ħsieb l-installazzjoni tad-dawl, pero dan għad fadallu xi xogħol xi jwettaq.

## 68.11 Korrispondenza u Ilmenti

| | |
|---|---|
| 26/04/2024 | Cir AKL 2024/029_European Climagte Part National Event – 8th May 2024. |
| 26/04/2024 | Cir AKL 2024/030_All Digital Week 2024 – Nessy Reading and Spelling Programme financed by the Local Councils' Association – 06th May 2024. |
| 26/04/2024 | Korrispondenza mingħand l-Għaqda Armar fejn talbu li jixtiequ jagħmlu t-toqob għall-armar tal-festa fil-Pjazza San Ġwann Battista. Il-kunsill qabel ma dan. |
| 26/04/2024 | Executive Council Meeting Planning Authority fit-30 t'April, 2024 fit-3.00p.m. fuq permit no PA 37/13 Site Triq Ġdida fi Triq Sansun. |
| 26/04/2024 | Cir AKl 2024/030_All Digital Week 2024 – Nessy Reading and Spelling Programme financed by the Local Councils'Association – 6th May 2024. |
| 30/04/2024 | Laqgħa tar-Reġjun G ħawdex Numru 129 it-Tlieta 30 t'April, 2024 fis-6.00p.m.. |
| 30/04/2024 | Kwotazzjoni għall-Sensor Equipment mingħand Leisure & Sport Solutions. |
| 30/04/2024 | Korrispondenza mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard rigward Bnadar żgħar għall-marċ tat-tfal fil-jiem tal-festa. |
| 30/04/2024 | Cir AKL 2024/031_Launch of All Digital Weeks 2024 it-Tnejn fis-6 ta' Mejju, 2024. |
| 30/04/2024 | 'Summer in the Square – Live Music July 6th to Sept 7th 2024. |
| 02/05/2024 | Korrispondenza mingħand ix-Xewkija Tigers FC fejn talbu l-għajnuna fl-organizzazzjoni ta' Youth Summercamp. |
| 02/05/2024 | Cir AKL 2024/029_European Climate Pact National Event – 08th May 2024. |
| 02/05/2024 | Cir AKL 2024/031_Launch of All Digital Weeks 2024. |
| 06/05/2024 | Korrispondenza mingħand il-Perit Biġeni fuq sqaq fi Triq Santa Katarina fejn staqsa jekk il-kunsill joġġezzjonax biex isiru xi xogħolijiet f'dan is-sqaq. Il-kunsill approva dan. |
| 03/05/2024 | Korrispondenza fuq Scholarship Scheme mill-MEYR – 2024 u ġiet ifforwardjata lis-Sindku u Kunsilliera. |
| 06/05/2024 | Korrispondenza mingħand il-Kumitat taż-Żgħażagħ Brijużi Xewkin dwar bnadar għall-Marċ tat-tfal tal-festa San Ġwann Battista kif ukoll talba għall-Użu tal-Internet waqt l-attivita f'Ta Blankas fil-11 ta' Mejju, 2024. |
| 02/05/2024 | Applikazzjoni għall-Triq l-Għarus għall-Żvilupp mill-Awtorita' tal-Ippjanar. |
| 06/05/2024 | Cir AKL 2024/034_15th May Invitation to a Public Co-Creating Public Space |
| 08/05/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Aaron Cini fejn talab permess għall-attivita' f'Ġnien Blankas b'risq il-missjoni tal-Gwatemala. L-Aġent Segretarju informa b'dan lis-Sindku u l-Kunsilliera. Il-kunsill qabel ma dan. |
| 10/05/2024 | Cir AKL 2024/033_National STEM Community Fund 2024 – Circular for dissemjination. |
| 10/05/2024 | Cir AKL 2024/035_Informative Document Implementing Bring Your Own container (BYOC) Initiative at Local Feast. |
| 10/05/2024 | Free Well-Being Session – FSWS Summer Project. |
| 13/05/2024 | Korrispondenza mingħand Louis Magro dwar Triq Ġidi. |
| 15/05/2024 | Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera dwar Inawgurazzjoni tal-Bandli Ġnien Wistin Dingli nhar il-Erbgħa 22 ta' Mejju, 2024 fil-11.00 a.m.. |
| 15/05/2024 | Cir AKL 2024/036_META Effectively – Connecting to Community making social media work for your training session on 29/05/2024. |
| 15/05/2024 | Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar servizz ta' skart adizzjonali. |
| 15/05/2024 | Invit mingħan is-Sur Robert Grech Manager ta' Dar San Ġużepp Għajnsielem biex inżuru din id-dar. |
| 15/05/2024 | Korrispondenza dwar National Sjupporting Business Awards 2024. |
| 20/05/2024 | Cir AKL 2024/037_Change in Date: Give a Damn! Go Vote Campaingne & After Party 24.05.2024. |
| 20/05/2024 | Korrispondenza mingħand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera dwar id-disinn tal-Inawgurazzjoni tal-Ġnien Wistin Dingli. |
| 20/05/2024 | Cir AKL 2024/038_ECAD's Mayors'Conference Official Agenda and Livestream Access. |

| | |
|---|---|
| 21/05/2024 | Cir AKL 2024/039_Rights: Call for mentors. |
| 23/05/2024 | Korripondenza mingħand l-Ass. Head tal-Iskola fejn talbet biex jagħmlu użu mill-Librerija għall-eżamijiet. |
| 23/05/2024 | Agenda Nru 68 nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju, 2024 fit-3.00p.m. |
| 24/05/2024 | Korrispondenza mingħand Matthew Mekren fejn talab permess biex juża Ġnien Blankas għall-ikla b'risq l-FKNK. |
| 27/05/2024 | Korrispondenza mingħand Ms Maria Sammut fejn ġejna nfurmati li ser jingħataw vouchers għall-'cat feeders'. |
| 27/05/2024 | Korrispondenza mingħand Raymond Farrugia dwar l-inkonvenjent li hemm fi Triq Gidi. |
| 29/05/2024 | Minuti Laqgħa Nru 68. |
| 30/05/2024 | Ms Maria Sammut bagħtet korrispondenza li tinkludi il-'Cat Feeders Scheme Guidelines'. |
| 30/05/2024 | Laqgħa b'urġenza tar-Reġjun Għawdex Nru 131. |
| 30/05/2024 | Ittra b'referfenza għas-sejħa biex timtela l-pozizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Xewkija. |

<u>Ilmenti</u>

| | |
|---|---|
| 02/05/2024 | Ilment mingħand diversi persuni dwar periklu li hemm f'salib it-toroq, Triq Santa Katerina/ Triq tal-Ħamrija. Id-deputat Segretarju Eżekuttiv bgħat imejl lill-awtoritajiet konċernati, kif ukoll tkellem ma sid il-post. Dan il-ħajt għandu jitneħħa parti żgħira minnu sabiex jiġi eliminat dal-periklu. |
| 13/05/2024 | Mariġwann Xuereb li toqgħod 36, Triq Ħamsin tixtieq li taħt il-bankina tagħha jagħmlulha ftit cement. |
| 20/05/2024 | Bank imkisser quddiem 'Ogyiga', Triq Santa Marija, Xewkija. |
| 26/05/2024 | Korrispondenza mingħand Yanica Abdilla dwar stat ħażin ta' Ġnien Castelvenere. |
| 28/05/2024 | Peter Paul Vella talab jekk jistax jarma bil-kiosk tal-Ikel waqt il-Foam Party li jsir il-Ħadd 16 ta' Ġunju fil-Każin tal-Banda. Il-kunsill ma qabilx ma din it-talba. |
| 28/05/2024 | Talba biex issir tabella fi Triq A. Mallia Vernon biex ma jintremax żibel, u min jinqabad jeħel il-multi. |
| 29/05/2024 | Talba mis-sur Manwel Cassar biex isiru double yellow lines quddiem id-dar tiegħu, peress li qed jipparkjawlu quddiem il-bieb. |

## 68.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti

68.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**68.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

68.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-17:18. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Hubert Saliba

Sindku

Chrismar Xuereb

Deputat Segretarju Eżekuttiv